**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002**

Citazzjoni Numru: **689/02TM**

Numru**: 6**

**Flock Hatchers Company Limited**

vs

**Paul u Joan konjugi Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sebat elef tlett mija u erbgha u erbghin Liri Maltin u tmenin centezmu (LM7,344.80), ammont rapprezentanti bilanc fuq hlas ghal tigieg lilhom mibjugha u kkonsenjati, skond kif jirrizulta mill-*invoice* li kopja tieghu hi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok A;

Ippremettiet illi l-konvenuti baqghu ma hallsux dan l-ammont minkejja li gew interpellati biex jaghmlu dan;

Ippremettiet illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament ta' l-istess;

Ippremettiet illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Talbu ghalhekk Il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundannahom illi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef tliet mija u erbgha u erbghin Liri Maltin u tmenin centezmu (LM7,344.80), lilha dovuta kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 26 ta' Marzu, 2002 tal-Mandati Kawtelatorji Numru 1370/02 li qeghdin jigu pprezentati kontestwalment ma' dina c-Citazzjoni, u interessi legali mid-data tal-konsenja relattiva sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci; u lanqas ma dehru ghall-udjenza li ghaliha kellhom jidhru;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**IMHALLEF**

**D/REG**